# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1/01**

**Numru 8**

**Borg Transportation Limited**

**vs**

**Omajco Cleaners Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhix tkun kundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000), rapprezentanti ghaxar kambjali datati il-21 ta' Mejju 1999 fil-valur il-wahda ta' mitt Lira Maltin (Lm100), numerati minn numru 5 san-numru 14, kollha mis-socjeta konvenuta accettati u ffirmati u kollha skaduti, b'dan illi l-ahhar wahda skadiet fil-21 ta' Lulju 2000, ghall-liema ammont s-socjeta' konvenuta kienet interpellata sabiex thallas diversi drabi, u minkejja dan baqghet dejjem inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Novembru 2000, li giet ingunta ghas-subizzjoni u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li avolja debitament notifikata, l-istess socjeta' konvenuta naqset milli tidher fis-seduta tallum oltre li ma kkontestatx it-talbiet attrici skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Borg in rappresentanza tas-socjeta attrici, moghtija waqt is-seduta tallum stess, liema xhud ikkonferma li l-ammont pretiz fl-avviz in esami kien ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta sallum stess.

Rat ukoll il-kambjalijiet esebiti, u annessi mal-atti waqt is-seduta tallum.

A basi ta' dak premess il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1000 bl-imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Novembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg